MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 309/2012

Kawza fil-lista: 31

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur ipprezentat fit-28 ta' Dicembru 2012 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. "Illi fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011), ir-rikorrent izzewweg lill-intimata fir-Registru Pubbliku, u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Francesca Micallef Sammut;

4. Illi l-kunsens tal-intimata ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u dana kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri;

5. Illi l-kunsens tal-intimata ghal dan iz-zwieg kien ukoll vizzjat billi kien hemm l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19 (1) (d) u/jew (t) tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta);

Tghid ghaldaqstant l-intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) huwa null, invalidu u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi kif hawn fuq spjegat, u taghti dawk il-provvedimenti kollha illi jkunu xierqa u opportuni fdan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija ngunta minn issa in subizzjoni”.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur u l-elenku tad-dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta pprezentata fit-8 ta’ Frar 2013 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

1. “Illi l-eccipjenti tiddikjara li hija taqbel li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null, imma mhux ghar-ragunijiet

indikati fir-Rikors Guramentat mertu ghal din ir-Risposta Guramentata;

2. Illi m'huwiex minnu li z-zwieg in kwistjoni hu vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-istess min-naha tal-eccipjenti, izda huwa minnu li tali kunsens kien vizzjat b'dan il-mod min-naha tal-istess attur;

3. Illi lanqas m'huwa minnu li l-kunsens tal-eccipjenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg, izda kien l-istess kunsens tal-attur li effettivament inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali, b'dan illi tali aggravju ghandu jigi attribwit lill-attur u mhux lill-eccipjenti;

4. Illi ghalhekk jekk tigi akkolta t-talba ghan-nullita' taz-zwieg, l-eccipjenti m'ghandiex tissubixxi ebda spejjez relatati ma' din il-kawza."

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta u l-elenku tad-dokumenti.

Rat in-nota tal-attur tad-19 ta' Frar 2013 li permezz taghha iddikjara li ma hemmx proceduri pendenti bejn il-partijiet quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku.

Ezaminat il-provi mressqa.

Rat l-atti kollha.

Rat li fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2013 l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**.

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu minn mal-konvenuta jigi dikjarat null. In sostenn ta'

din it-talba jinvoka l-artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta) wara li jippremetti illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat.

Il-konvenuta, filwaqt li taqbel li z-zwieg tal-partijiet huwa null, issostni li r-ragunijiet ghal dan huma imputabbli lill-attur u mhux lilha.

**Provi**.

L-attur xhed illi l-ewwel darba li l-partijiet iltaqghu huwa kien ghad kellu sbatax-il sena. Kienu jiltaqghu bhala grupp flimkien ma' numru ta' hbieb taghhom. Imbaghad waqfu jaraw lil xulxin. Madwar tlett snin ilu iltaqghu fuq Facebook u ddecidew li jibdew johorgu flimkien. Ghal xi zmien regghu waqfu jaraw lil xulxin sakemm f'Settembru tas-sena 2011 iddecidew li jergghu jibdew jifrekwentaw lill-xulxin. Gimgha wara bdew jirrisjedu taht l-istess saqaf u xahar wara ddecidew li jizzewgu. Fil-31 ta' Dicembru 2011 izzewgu bir-rit civili gewwa r-Registru Pubbliku l-Belt Valletta.

Il-konvenuta gia kellha tarbija minn relazzjoni precedenti.

L-attur jispjega l-ghagla li biha huma zzewgu billi jghid illi kellu pressjoni mill-membri tal-familja tieghu biex ma jikkoabitax mal-konvenuta minghajr ma jkunu mizzewgin. Wara li zzewgu ghamlu flimkien erba' xhur biss. L-attur isemmi kif f'dawk it-tlett xhur huwa u martu raqdu flimkien tlett darbiet biss ghaliex il-konvenuta kienet trid torqod ma' bintha kif kienet taghmel qabel ma l-partijiet izzewgu. Anke qabel izzewgu, ghalkemm kienu jghixu flimkien xorta kienu jorqdu fi kmamar separati.

L-attur xhed illi kien jitlob lill-konvenuta sabiex xi drabi johorgu wahedhom minghajr it-tifla bhala koppja pero' ma kienx hemm qbil dwar dan ghaliex skond l-attur il-konvenuta ma kenitx tkun trid tinqata' minn mat-tifla.

Peress li l-attur huwa dilettant tal-muturi gieli ha lill-konvenuta mieghu mal-grupp ta' sidien tal-muturi izda din il-haga ma kenitx toghgob lill-konvenuta.

In kontro-ezami l-attur stqarr illi dejjem kienet il-holma tieghu li jmur l-Amerika.. Xi tlett xhur wara li l-partijiet izzewgu, l-attur gietu l-opportunita’ li jmur l-Amerika u hekk ghamel.

Fix-xhieda taghha l-konvenuta kkonfermat ix-xhieda tal-attur f’dak li jirrigwarda il-mod kif bdew johorgu flimkien ghall-ewwel darba, id-drabi li hassru u l-mod kif iddecidew li jizzewgu.

Il-konvenuta tikkonferma li kien hemm pressjoni mill-genituri tal-attur sabiex ma jikkoabitawx minghajr ma jkunu mizzewgin filwaqt li min-naha taghha, stante li kellha tifla minn relazzjoni precedenti xtaqet li tirregolarizza l-istatus civili taghha.

Il-konvenuta pero’ tammetti li ma kenitx sabitha facli illi minn rwol ta’ omm timxi ghal rwol ta’ mara mizzewga. Tammetti wkoll illi kien nuqqas da parti taghha illi wara li zzewgu kienet baqghet torqod mat-tifla u mhux ma’ zewgha.

Tispjega wkoll kemm il-klabb tal-muturi kien ghall-attur familja ohra. Minhabba f’hekk kienet thossha li mhux qed jaghti kaz taghha ghaliex l-attenzjoni tal-attur kienet fuq il-klabb tal-muturi.

Xhedu wkoll omm l-attur u missier il-konvenuta li essenzjalment ikkoroboraw aspetti diversi tax-xhieda moghtija mill-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta’ Dritt**.

L-attur fil-premessi tieghu qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null ghaliex skond hu:

i) Il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga.

ii) Il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat billi kien hemm l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

**KUNSENS VIZJAT B'DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TA' GUDIZZJU.**

L-artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi zwieg huwa null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Dan l-artikolu ghandu l-gheruq tieghu fil-Ligi Kanonika. Canone 1095 tal-Kodici Kanoniku tal-1983 jipprovdi illi "The following are incapable of contracting marriage: i) those who lack the sufficient use of reason; ii) those who suffer from a grave defect of discretion of judgment concerning the essential matrimonial rights and duties mututally to be handed over and accepted"; iii) those who are not able to assume the essential obligations of marriage for causes of psychic nature".

Biex tirnexxi l-azzjoni attrici ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 jehtieg qabel xejn li l-attur jipprova:

i) Il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat
ii) B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju
iii) Fuq il-hajja mizzewga, jew
iv) Fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga.

Minhabba li kif diga inghad l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 ghandu l-gheruq tieghu fil-Kodici Kanoniku spiss fil-gursprudenza nostrana rigwardanti kawzi dwar annullament taz-zwieg issir referenza ghall-gurisprudenza u awturi dwar id-dritt kanoniku rilevanti. Diskrezzjoni ta' gudizzju hija spiss riferuta fil-gurisprudenza bhala "*disretio judicii".*

Gie diversi drabi ritenut li d-decizjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta’ xi jfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta. Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg civili tieghu minn mal-konvenuta. Ghalhekk huwa imperativ li dwar x’inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta’ koppja mizzewga wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili. Fl-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

Proprju fl-ewwel artikoli ta’ dan il-Kodici, intitolat “**Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin**” jinghad hekk:

“Artikolu **2**. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita’ tal-familja.

(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma’ xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

Artikolu **3**. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja”

Ghalkemm mhux necessarjament li l-obbligi u d-drittijiet tal-mizzewgin fis-sagrament taz-zwieg taht il-Kodici Kanoniku huma identitci ghall-obbligi u d-drittijiet tal-mizzewgin kif kontemplat fil-Ligi Civili, huma xorta rilevanti xogholijiet u gurisprudenza dwar il-Kodici Kanoniku dwar dak li ghandu x’jaqsam mad-definizzjoni ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju u vizzju ta’ kunsens.

Fix-xoghol tieghu “**The Nullity of Marriage for reason of insanity or lack of due discretion of judgment” Egan EM (1983)** jispjega illi d-diskrezzjoni ta’ gudizzju fir-rigward tal-kunsens ghaz-zwieg trid tkun proporzjonali

ghaz-zwieg innifsu. **Gramunt u Wauck** fix-xoghol taghhom “**Moral certitude and the collaboration for the court expert in cases of consensual incapacity” (1986)** jispjegaw dwar id-diskrezzjoni ta’ gudizzju illi: “It requires more than what is necessary to take out a mortgage or enter into a business contract, enlist in military service, or be fit to stand trial, but not more than adults ordinarily possess”.

**John L Young** fl-istudju tieghu intitolat “**Understanding Due Discretion of Judgment in Catholic Marriage Courts (1991)** ” ippubblikat fil-Journal of the American Academy of Psychiatry and the Law (Psychiatry Law, Vol. 19, No.2, 1991) jispjega illi “discretion of judgment…. Presumes having and duly exercising an ability to look well beyond the present moment in order to make a serious and lifelong pledge. This capacity is present in proportion to the individual’s ability to weigh and choose prudently, to accept good advice, to reason clearly, to learn from experience, to formulate sensible goals, and to display qualities of foresight, insight, circumspection, deliberation and appreciation.”

Din id-dottrina hija riflessa fis-sentenza **“Atkins Charles vs. Atkins Matilde”** moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Ottubru 2003. Jinghad hekk:-

“Il-kuncett ta’ *discretio judicii* ma jirrikjediex maturita’ shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta’ dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe’ ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita’ affettiva u cjoe’ dak kollu li ghandu x’jaqsam ma’ l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta’ xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b’xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi.”

Fil-kawza “**Melanie Borg Cachia vs. Joseph Borg**” deciza fid-29 ta’ Mejju 2004 gie spjegat li d-difett fid-diskrezzjoni ta’ gudizzju irid ikun wiehed serju fil-fakolta’ kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem

u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga. (Ara wkoll: **WT vs. KR** deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-28 ta' Gunju 2012; **John Micallef Engerer vs. Corinne Camilleri** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 2002).

**Konsiderazzjonijiet ta' Fatt**.

Applikati l-principji legali enunzjati aktar qabel ghall-kaz in dizamina l-Qorti hi tal-fehma illi il-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga. Iz-zmien qasir bejn id-data taz-zwieg u s-separazzjoni tal-partijiet, appena erba' xhur, hija wahedha indikazzjoni illi l-partijiet m'gharfux l-obbligi taghhom bhala mizzewgin fil-mument li taw il-kunsens ghaz-zwieg. Mill-provi imressqa jirrizulta illi l-konvenuta sabitha difficli hafna jekk mhux addirittura impossibbli ghaliha li tinfatam mir-relazzjoni strettissima li ghandha mat-tifla minuri taghha minn relazzjoni precedenti. Ghalkemm ma ngabux provi dwar ir-ragunijiet ghal tali relazzjoni, wisq probabli hija naxxenti mill-htiega tal-omm li tikkumpensa ghan-nuqqas tal-missier fil-hajja tat-tifla.

Fil-fehma tal-Qorti dan il-fattur tal-attakkament bejn il-konvenuta u bintha minn relazzjoni ohra ma inaghtax l-attenzjoni li kien jimmerita qabel mal-partijiet izzewgu. Ic-cirkostanzi kienu jindikaw li kienet mehtiega ghajnuna professjonali sabiex sew il-partijiet kif ukoll il-bint jippreparaw ruhhom ghall-kambjament li kienu ser jghaddu minnu u cioe' l-attur minn guvni ghal ragel mizzewweg b'tifla tal-konjugi, il-konvenuta minn single mother ghal mara mizzewga b'tifla minn relazzjoni ohra, u l-minuri b'zieda f'hajjitha tar-ragel t'ommha li ma hux missierha.

Ir-rezistenza tal-konvenuta li tibni relazzjoni stabbli u sana mal-attur turi illi fil-mument li kienet qed tati il-kunsens taghha ghaz-zwieg, il-kunsens taghha kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga. Irrizulta illi l-konvenuta ma kenitx taccetta li jkun hemm granet li fihom il-partijiet johorgu flimkien minghajr it-tifla

sabiex isahhu r-relazzjoni ta' bejniethom ghaliex kient tghid li thossha 'guilty' jekk thalli t-tifla warajha ghand in-nanniet. Ghall-konvenuta aktar kien importanti li taghti status ta' koppja mizzewga fil-hajja tat-tifla taghha milli tibni relazzjoni sana ta' koppja mizzewga bejn il-partijiet.

Il-vizzju tal-kunsens fil-konvenuta iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet huwa null.

**KUNSENS VIZZJAT BL-ESKLUZZJONI POZITTIVA TAZ-ZWIEG INNIFSU**.

L-attur ippremetta wkoll illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Biex tirnexxi tali premessi jkun mehtieg provi konklussivi illi fil-mument li l-konjugi qed jaghtu l-kunsens xi hadd minnhom ikun qed intenzjonalment jeskludi li ser jghix hajja ta' mizzewweg jew mizzewga. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li dan kien il-kaz u ghalhekk din il-premessa qed tigi kkonsidrata li ma gietx ippruvata.

**Eccezzjonijiet tal-Konvenuta**.

Fl-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta teccepixxi illi filwaqtl li taqbel li z-zwieg tal-partijiet huwa null, pero' timputa dan fil-konfront tal-attur u mhux taghha. Tippremetti illi z-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-attur kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll li l-kunsens tal-attur kien vizzjat bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Il-konvenuta timmotiva l-pretensjonijiet taghha billi taghmel referenza ghall-fatt illi l-attur kien jaghti aktar importanza f'hajtu lill-grupp tal-muturi milli lill-familja l-gdida tieghu.

L-attur ma jikkontestax il-pretensjoni tal-konvenuta fir-rigward tal-grupp tal-muturi. Fil-fatt xhed hekk fir-rigward:-

“Irrid nghid illi l-Klabb tal-muturi huwa ghalija speci ta’ darba li dhalt fih ma nsibhiex facli tohrog minnha. Ghalija qisha parti minn demmi. Hija fil-fatt familja ohra, we are willing to take a bullet for the club, qisek ghandek qaqocca u l-bazi hija l-Klabb. Il-familja u l-Klabb tal-muturi nqeghdhom fuq l-istess livell”.

Din id-dikjarazzjoni twassal lill-Qorti tikkonkludi illi anke fil-konfront tal-attur il-kunsens tieghu kien vizzjat in kwantu m’gharafx jiddistingwi bejn l-obbligi ta’ ragel mizzewweg li kien diehel ghalihom u r-relazzjoniijiet inter-personali li kellu qabel iz-zwieg fil-forma tal-grupp tal-muturi li jaghmel parti minnu.

Hija ghalhekk il-fehma tal-Qorti illi fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet il-kunsens tal-attur kien ukoll vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza kif proposta fir-rikors guramentat tal-attur u tiddisponi mill-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuta fir-risposta guramentata taghha bil-mod segwenti:-

1. Tiddikjara li z-zwieg civili ikkuntrattat bejn il-partijiet fil-31 ta’ Dicembru 2011 huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Att dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, minhabba li l-kunsens sew tal-attur kif ukoll tal-konvenuta kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

2. Tordna sabiex issir l-annotazzjoni relativa fl-Att taz-Zwieg numru tmienja tal-elfejn u tnax (8/2012).

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------